

16.11.2023

A9-0319/469

**Emenda 469**

**Grace O'Sullivan**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 12 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Dan l-obbligu japplika għall-pallets, għall-kaxex, **minbarra l-kartun**, għat-trejs, għaċ-ċestuni **tal-plastik**, għall-kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, għaċ-ċilindri u għall-kaxxetti, tad-daqsijiet u tal-materjali kollha, inklużi l-formati flessibbli.

Dan l-obbligu japplika għall-pallets, għall-kaxex, għat-trejs, għaċ-ċestuni, għall-kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar, għaċ-ċilindri u għall-kaxxetti, tad-daqsijiet u tal-materjali kollha, inklużi l-formati flessibbli.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Studju minn Naturschutzbund Deutschland sab li fil-Ġermanja 69 % tal-imballaġġ għat-trasport huwa imballaġġ tal-kartun li jintuża darba biss. Il-31 % li jifdal huwa magħmul mill-injam u l-plastik, li l-maġġoranza tiegħu diġà jista' jerġa' jintuża. Peress li l-kartun jirrappreżenta l-maġġoranza kbira tal-imballaġġ għat-trasport, l-esklużjoni tiegħu mill-miri għall-użu mill-ġdid tfisser li din id-dispożizzjoni mhux se jkollha impatt reali fuq l-iskart iġġenerat mill-imballaġġ għat-trasport. Sistemi ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport diġà jeżistu u għandhom jintużaw fuq skala akbar sal-2030. Il-kartun għandu għalhekk ikun inkluż fil-miri għall-użu mill-ġdid.*

16.11.2023

A9-0319/470

**Emenda 470**

**Grace O'Sullivan**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A9-0319/2023**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 13 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Dan l-obbligu japplika għall-pallets, għall-kaxex, **minbarra l-kartun**, għaċ-ċestuni **tal-plastik**, għall-kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar u għaċ-ċilindri, tad-daqsijiet u tal-materjali kollha, inklużi l-formati flessibbli.

Dan l-obbligu japplika għall-pallets, għall-kaxex, għaċ-ċestuni, għall-kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar u għaċ-ċilindri, tad-daqsijiet u tal-materjali kollha, inklużi l-formati flessibbli.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Studju minn Naturschutzbund Deutschland sab li fil-Ġermanja 69 % tal-imballaġġ għat-trasport huwa imballaġġ tal-kartun li jintuża darba biss. Il-31 % li jifdal huwa magħmul mill-injam u l-plastik, li l-maġġoranza tiegħu diġà jista' jerġa' jintuża. Peress li l-kartun jirrappreżenta l-maġġoranza kbira tal-imballaġġ għat-trasport, l-esklużjoni tiegħu mill-miri għall-użu mill-ġdid tfisser li din id-dispożizzjoni mhux se jkollha impatt reali fuq l-iskart iġġenerat mill-imballaġġ għat-trasport. Sistemi ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport diġà jeżistu u għandhom jintużaw fuq skala akbar sal-2030. Il-kartun għandu għalhekk ikun inkluż fil-miri għall-użu mill-ġdid.*

16.11.2023

A9-0319/471

**Emenda 471**  
**Grace O'Sullivan**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**  
**Frédérique Ries**  
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 43 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5 a. Mill-1 ta' Jannar 2030, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskart mill-imballaġġ li ma jinġabarx separatament jiġi separat qabel l-operazzjonijiet ta' rimi jew ta' rkupru tal-enerġija biex jitneħħa l-imballaġġ iddisinjat għar-riċiklaġġ.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Anke fl-aħjar sistema ta' ġbir separat, kwantità mdaqqsa ta' skart mill-imballaġġ se tispiċċa bħala skart residwu. Il-frazzjoni riċiklabbli fl-iskart residwu għandha tiġi sseparata qabel l-inċinerazzjoni jew ir-rimi f'landfills sabiex il-frazzjoni riċiklabbli fl-iskart residwu tkun tista' tiġi rriċiklata wkoll.*